## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 114/2021: **GAETANO CALLEJA (KI. 453659M) U MARTHESE AGIUS (KI. 226557M) V. EMMANUEL CALLEJA (KI. 600254M)**

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**9 ta' Ottubru 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Gaetano Calleja u Marthese Agius ("ir-rikorrenti") ippreżentat fid-29 ta' April 2021[1] li permezz tiegħu talbu lil Emmanuel Calleja ("l-intimat") jgħid 'l għaliex din il-Qorti m'għandiex:

1. Tiddikjara li l-atturi huma ko-werrieta flimkien ma' l-intimat tal-gid tal-mejjet Alfred Calleja li miet fis-27 ta' Mejju 2004 u li kellu l-karta ta' l-identita' numru 689632(M)

2. Tordna r-rilaxx tal-flejjes li jinsabu fil-kont/ijiet bankarji ta' Alfred Calleja u senjatament mas-socjeta' bankarja HSBC Bank (Malta) PLC li miet fis-27 ta' Mejju 2004 detentur tal-karta ta' l-identita' 689632(M) u dan that dawk il-provvedimenti kollha u necesasrji li din il-Qorti thoss li huma idoneji fic-cirkostanzi, u dan minghajr il-htiega ulterjuri tal-kunsens da parti ta' l-intimat.

3. Tordna lill-intimat ihallas l-imghax legali a favur l-istess atturi ghal dak is-sehem li l-atturi ma setghux igawdu minhabba n-nuqqas ta' qbil da parti ta' l-intimat mid-29 ta' Jannar 2018 (id-data ta' l-ittra ufficcjali – dok D) sal-pagament effettiv .

Bl-ispejjez kontra l-intimat inkluz ta' l-ittra ufficcjali tad-29 ta' jannar 2018

wara li rat ir-risposta tal-intimat ippreżentata fit-8 ta' Ottubru 2021[2] li permezz tagħha wieġeb kif ġej:

[1] Fol 1-9
[2] Fol 21

a. Illi preliminarjament, l-esponent jikkonferma li hu wiehed mit-tfal tal-mejtin **Alfred** u **Tereza** konjugi **Calleja** li gew neqsin rispettivament fis-27 ta' Mejju, 2004 u 17 ta' April, 2017.

b. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jirrizulta li d-decujus kellhom testament biex jirregola l-wirt imma irrizulta li l-istess atturi kienu jahbu hom biex **jahbu** l-informazzjoni w **ippretendu** li l-esponent **joqghod** ghal li jghidu huma w xejn iktar. Din tispjega l-ghaliex **ma setghx** isir progress, tort ta' l-istess atturi.

c. Illi **aggunt** mas-suespost eccezzjoni, l-esponent **qatt** ma kien kontra l-qsim tal-wirt imma l-qsim ma sarx minhabba **l-intransigenza** bla sens tal-atturi rikorrenti liema haga ser tigi ippruvata fil-mori tal-kaz.

d. Illi **abbinat** mas-suespost, bhalma gie indikat qabel, l-istess rikorrenti ippretendu li l-esponent jobdi minghajr ma jressaq ebda domanda. Illi ghax l-esponent **ghazel** li **jsaqsi** w **jitlob** kjarifiki biex ikun jaf x'hemm jew m'hemmx, li wara kollox kull dritt li jaghmel, l-istess rikorrenti iddecidew li **jistitwixxu** dawn il-proceduri liema tort hu ta' l-istess atturi grazzi ghall-intransigenza taghhom.

e. Salv risposta ulterjuri **bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti**.

wara li rat il-kontrotalba ppreżentata fl-istess data[3] li permezz tagħha l-intimat talab lir-rikorrenti jgħidu 'l għaliex din il-Qorti m'għandiex:

a. Tiddikjara li l-partijiet huma l-werrieta skond it-testment ezibit fl-avviz promotorju.

b. Tordna r-rilaxx tal-flejjes rizultanti mill-wirt li jinsabu fil-bank/banek relattivi w dan taht dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u jekk hemm bzonn minghajr il-htiega ulterjuri tal-kunsens da parti tar-rikorrenti *Alfred Calleja* w *Marthese Agius* hut l-istess esponent.

c. Tordna lill-istess hut l-esponent billi **tikkundannhom** jhallas *l-imghax legali* favur l-istess esponent ghal dak is-sehem li l-esponent ma setghax igawdi minhabba n-nuqqas ta' qbil grazzi ghall-intransigenza taghhom mid-data tal-ittra legali tad-29 ta' Jannar, 2018 segwit mill-ittra legali responsiva tat-2 ta' Frar, 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

[3] Fol 22-23

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess **ahwa** *Alfred Calleja* w *Marthese Agius* inkluz dawk ancillari kontrihom, kif ukoll **bl-imghax legali** skond il-kaz li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

wara li rat ir-risposta ppreżentata mir-rikorrenti fis-26 ta' Ottubru 2021[4] li permezz tagħha laqgħu għall-kontrotalba tal-intimat kif ġej:

1. Illi preliminarjament, il-kontrotalba intavolata mill-konvenut rikonvenzjonant Emmanuel Calleja hi ghal kollox frivola u vessatorja ghall-ahhar hekk kif din hi kontrotalba kapriccjuza u unikament frott ta' pika illi Emmanuel Calleja ghandu mal-eccepjenti.

2. Illi b'kull rispett, il-konvenut rikonvenzjonant Emmanuel Calleja ressaq quddiem din l-Onorabbli Qorti t-talbiet precizi li ressqu l-eccepjenti u ghalhekk dawn il-proceduri gew intavolati inutilment minn Emmanuel Calleja, u biss biex izidu l-ispejjez ta' din il-kawza, u jtawwal il-proceduri inutilment.

3. Illi b'kull rispett, jekk tassew Emmanuel Calleja jixtieq li l-flus mizmuma fil-kont bankarju in kwistjoni jigu rilaxxati dan kellu kull opportunita' li jersaq u jaghti l-kunsens tieghu, sa anke qabel l-intavolazzjoni ta' din il-kawza hekk kif kien gie interpellat **diversi drabi** inkluz permezz tal-ittri legali datati 5 ta' April 2017 u 24 ta' April 2017 u wkoll permezz ta' ittra ufficjali datata 29 ta' Jannar 2018, annessa u markata bhala **Dok E** mal-Avviz promotur izda minkejja dan, u minkejja diversi abbokkamenti anki tramite l-avukati, hu ghazel li jibqa' jwebbes rasu, u issa qieghed jintavola dawn il-proceduri kappricjuzi kif spjegat, ishu ma ghandu ebda tort ta' xejn.

4. Illi dak li qieghed itenni Emmanuel Calleja fis-subincizi (c ) u (d) tal-kontro-talba tieghu u fis-(c ) u (d) tar-risposta tieghu, huwa b'kull rispett frivolu u mhux veritijier. Illi b'kull rispett, Emmanuel Calleja, kien jaf kollox, u hutu qalulu kollox, u anki jekk ghal grazzja ta' l-argument Emmanuel Calleja, ma kienx jaf, kellu kull opportunita,' bhala ko-werriet, li jsaqsi l-Bank, kif saqsew ir-rikorrenti;

5. Illi ghalhekk in vista tas-suespost, l-imghaxijiet legali ghal dak is-sehem li l-atturi rikonvenzjonati ma setghux igawdu unikament minhabba l-pika da parte ta' huhom Emmanuel Calleja ghandhom jigu mhallsa fl-intier taghhom mill-

[4] Fol 38-39

konvenut rikonvenzjonant hekk kif l-atturi ghamlu dak kollu li setghu sabiex jitolbu lill-huhom Emmanuel Calleja jersaq sabiex jaghti l-kunsens tieghu ghar-rilaxx tal-flejjes in kwistjoni u huwa biss bi htija tieghu li dawn il-flejjes ghadhom sal-gurnata tal-lum mhux rilaxxati.

6. Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost, it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom hekk kif dawn il-proceduri huma esklussivament vessatorji bl-iskop uniku li l-konvenut Emmanuel Callejja itawwal din il-kawza.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-Konvenut rikonvenzjonant.

wara li semgħet ix-xhieda u qrat it-traskrizzjonijiet tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali magħmula għan-nom

- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Mark Attard Montalto[5],
- tal-intimat, mill-Avukat Dr. Mark Busuttil[6],

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Il-fatti kif jirriżultaw mhux kuntestati mid-dokumentazzjoni esebita

1. Ir-rikorrenti u l-intimat huma aħwa u ulied il-mejtin Alfred u Teresa Calleja. Alfred Calleja miet fis-27 ta' Mejju 2004[7] mentri Teresa Calleja mietet fis-17 ta' April 2017[8]. Skond it-testment *unica charta* tat-18 ta' Diċembru 2021 fl-atti tan-Nutar Charles Mangion li rregola l-wirt tagħhom[9] huma ħallew lil xulxin l-użufrutt u t-tgawdija tal-ġid kollu tagħhom u sstitwew lill-istess uliedhom bħala l-werrieta universali tagħhom wara li ħallew żewġ pre-legati lir-rikorrenti (ossia' id-deheb tal-omm lir-rikorrenti Marthese Agius u d-deheb tal-missier lir-rikorrent Gaetano Calleja). Fost l-assi tal-konjugi Calleja kien hemm flejjes f'kont bankarju mal-bank HSBC Bank Malta p..l.c. intestat f'isem id-defunt Alfred Calleja.

2. Ftit wara l-mewt ta' Alfred Calleja l-HSBC poġġa nofs il-flejjes tal-kont għad-disposizzjoni ta' Teresa Calleja bħala parti mill-komunjoni tal-akkwisti tagħha,

---

[5] Fol 69A-69B
[6] Fol 74-81
[7] Fol 3
[8] Fol 4
[9] Fol 5-7

filwaqt li ffriża n-nofs l-ieħor bħala flejjes appartjenenti lill-eredi ta' Alfred Calleja bl-imgħax però jibqa' dekoribbli a favur Teresa Calleja bħala l-użufruttwarja tagħhom. [10]

3. Fil-31 ta' Mejju 2005 intbagħtet ittra bonarja lill-HSBC mill-intimat b'talba sabiex il-bank jikkonferma jekk kienx il-każ illi l-flejjes kienu tqassmu mingħajr il-kunsens tiegħu u b'talba għal iżjed informazzjoni.[11] Mix-xhieda tar-rappreżentanta tal-bank[12] jirriżulta illi l-flejjes għadhom fil-kont sal-ġurnata tal-lum.

4. Fit-22 ta' Lulju 2011 il-bank bagħat ittra bil-miktub lin-Nutar Charles Mangion[13] sabiex jottjeni l-kunsens bil-miktub tal-armla (Teresa Calleja) u ta' uliedha sabiex jiġi rilaxxjat il-kapital li kien ġie ffriżat.

5. Fil-5 ta' April 2017 intbagħtet ittra legali mir-rikorrenti lill-intimat[14] li permezz tagħha *inter alia* dan ġie infurmat illi dakinhar is-sehem tagħhom fil-kont kien dak ta' € 5,509, li dan kellu jinqasam bejniethom kollha fi kwoti ugwali u li ma kien hemm l-ebda raġuni 'l għala l-intimat jagħti l-kunsens u l-firma tiegħu sabiex dawn il-flejjes jiġu rilaxxati. Għalhekk tawh ġimgħa żmien sabiex jirrispondi għat-talba tagħhom. Din l-ittra waslet għand l-intimat iżda ma ġietx imwieġba.

6. Fis-17 t'April 2017 ġiet nieqsa Teresa Calleja.[15]

7. Fl-24 ta' April 2017 intbagħtet ittra legali oħra mir-rikorrenti lill-intimat[16] biex tfakkru fit-talba tagħhom tal-ittra preċedenti, biex javżawh li l-sehem tagħhom kien ġie ffriżat mill-bank u biex iħeġġuh jirrispondi għat-talba tagħhom fi żmien ġimgħa inkella kienu lesti jieħdu passi ulterjuri kontrih. Din l-ittra ukoll waslet għand l-intimat u ukoll ma ġietx imwieġba.

8. Kien għalhekk illi fl-24 ta' Jannar 2018 ir-rikorrenti ppreżentaw ittra uffiċjali kontra l-intimat[17] li permezz tagħha wara li nfurmawh li n-nuqqas tal-kunsens tiegħu għar-rilaxx tal-fondi kien qed iwassal lill-bank sabiex jibqa' iżomm fil-fondi u li ma kellu l-ebda raġuni għal dan l-aġir tiegħu, huma tawh ġimgħa sabiex jirregola ruħu qabel ma jinfetħu proċeduri kontrih. L-ittra ġiet notifikata lill-intimat tlett ijiem wara.

---

[10] Dan joħroġ mill-ittra tal-bank a fol 8 tal-proċess
[11] Fol 63
[12] Fol 44A-H
[13] Fol 8
[14] Fol 28-29
[15] Fol 4
[16] Fol 30-31
[17] Fol 9

9. Fit-2 ta' Frar 2018 l-intimat bagħat ittra legali lir-rikorrenti[18] b'risposta għall-ittra uffiċjali fejn informahom illi huwa kien qed jirribatti l-kontenut tagħha bħala "infondata fil-fatt u fid-dritt". Infurmahom illi jidher li kienu nesew illi l-assi tal-patrimonju tal-mejjet missierhom kienu suġġetti għall-użufrutt favur ommhom u li għalhekk hu ma ried jipparteċipa f'xi ħaġa illegali iżjed u iżjed meta skond hu, min kellu l-prokura t'ommhom kien qed jabbuża minnha. Kien għalhekk li għażel li jżomm id-distanza u beda jżomm lill-prokuratur responsabbli bid-dritt li jirrapporta l-każ lill-Pulizija. Ir-rikorrenti irċevew din l-ittra. Jidher li fit-18 ta' Frar 2018 ir-rikorrenti bagħtu ittra bonarja lill-intimat b'risposta għall-ittra tiegħu. Il-kontenut tagħha però ma ġiex żvelat fil-kawża.

10. Fl-1 ta' Marzu 2018 l-intimat bagħat ittra legali lir-rikorrenti[19] b'risposta għall-ittra mibgħuta minnhom fit-18 ta' Frar 2018. Fiha nformahom illi huwa qatt ma kien ġie infurmat bil-mewt t'ommhom u kien għalhekk illi ma kienx attenda għall-funeral tagħha. Qalilhom ukoll illi din kien turi ħafna preferenzi lejhom. Għalaq l-ittra b'talba sabiex jibgħatulu d-dokumenti neċessarji sabiex "jiġi stabbilit u aċċertat ix-xewqat tal-mejta u x'assi kien hemm qabel ma jsir l-iffirmar opportun". Ir-rikorrenti rċevew din l-ittra u jidher li wieġbu għaliha b'ittra oħra mibgħuta lill-intimat fit-8 ta' Marzu 2018. Il-kontenut tagħha però ma ġiex żvelat fil-kawża.

11. Fit-22 ta' Marzu 2018 l-intimat bagħat ittra legali lir-rikorrenti[20] b'risposta għall-ittra tagħhom fejn informahom illi l-ittra tagħhom tat-8 ta' Marzu 2018 kienet xotta u qabel ma jkollu l-informazzjoni mitluba minnu huwa ma kienx ser jiffirma għall-għeluq tal-pendenza.

12. Fid-29 ta' Mejju 2018 l-intimat bagħat ittra legali oħra lir-rikorrenti[21] fejn informahom li kien għadu ma rċieva l-ebda risposta għall-aħħar ittra tiegħu u li kien għadu qed jistenna l-informazzjoni mitluba.

13. Fil-15 ta' April 2019 intbagħtet l-aħħar ittra legali mill-intimat lir-rikorrenti[22] fejn informahom li wara kważi sena huwa kien baqa' bla risposta u li kien kuntrarjament għal dak li kienu qed jgħidu illi hu kien qed jikkawża xi dewmien, fil-verita' kienu huma li ma kienux qed jikkooperaw sabiex tingħalaq il-vertenza.

---

[18] Fol 62
[19] Fol 46
[20] Fol 47
[21] Fol 66
[22] Fol 48

14. Fid-29 ta' April 2021 imbagħad infetħet il-kawża odjerna mir-rikorrenti kontra l-intimat.

15. Għal kull bwon fini l-kawża għandha x'taqsam biss mal-porzjon tal-kont bankarju li kien jispetta lill-mejjet Alfred Calleja u mhux dak il-porzjon li kien jappartjeni lill-mejta Teresa Calleja bħala parti mill-komunjoni tal-akkwisti tagħha.

**Xhieda**

16. Fl-affidavit tiegħu[23] r-rikorrent **Gaetano Calleja** kkonferma l-kontenut tar-rikors promotur fosthom ili l-flejjes fil-kont kienu jammontaw għal ċirka € 5,500 jew somma verjuri. Huwa spjega illi:

> *"Peress li dawn il-fondi (funds) qegħdin miżmuma mill-HSBC Bank Malta plc, jien u ħuti meħtieġa nsegwu l-proċedura tal-bank fejn għalhekk aħna bħala l-eredi tal-papa li kien account holder mal-istess bank irridu nagħtu l-kunsens konġunt tagħna kollha sabiex il-flejjes li semmejt jiġu rilaxxati."*

Qal illi minkejja li hu u oħtu kienu ppruvaw kemm il-darba jitolbu lill-intimat ħuhom bil-kelma t-tajba sabiex jagħti l-kunsens tiegħu għar-rilaxx, inkluż permezz ta' diversi ittri legali, dan baqa' inadempjenti.

Qal ukoll illi bin-nuqqas tal-kunsens tiegħu huwa kien qed jiġi mċaħħad milli jgawdi l-wirt ta' missieru u li x-xewqat tal-istess missieru ma kienux qed jiġu rispettati.

17. In kontroeżami[24] l-istess rikorrent stqarr illi l-informazzjoni li kellu bżonn ħuh seta' jiksibha mit-testment u li kien ħuh li kien kontra l-qsim għax kien hu li ma riedx jiffirma. Ikkonferma illi ommhom l-iżjed li kienet tkellem kien lilu u lill-oħtu u mhux mal-intimat peress illi hu u oħtu kienu jieħdu ħsiebha mentri l-intimat ħuhom qatt ma resaq lejn ommu kemm kien ilu mejjet missierhom. Huma ma kienux jitkellmu miegħu u kien għalhekk illi ma qalulu xejn fuq il-mewt t'ommhom.

18. Fix-xhieda tiegħu mogħtija in subizzjoni fit-3 ta' Novembru 2021 l-intimat **Emmanuel Calleja** xehed illi huwa kien rċieva l-ittri legali mibgħuta lilu mingħand ħutu r-rikorrenti inkluż l-ittra uffiċjali tal-24 ta' Jannar 2018. Ikkonferma li hu u ħutu ma jitkellmux, li filfatt kien ilu xi 27 sena ma jitkellem ma ħuh għalkemm din l-istorja bdiet meta kien miet missierhom fl-2004. Spjega li meta kien skopra mill-barranin li lill-ommu kienu daħħluha ġewwa *home* u mar jaraha din kienet qaltlu li oħtu kellha l-prokura tagħha u qaltlu biex ma jdaħħalx lil ħutu fil-Qorti. Spjega li

[23] Fol 26-27
[24] Fol 45A-N

huwa qatt ma ried jidħol il-Qorti u filfatt kienu ħutu biex spiċċaw idaħħluh. Huwa kompla jitfa' dawl fuq id-diżgwid ta' bejnu u bejn ħutu. Skond l-intimat huwa kien qabbad avukat wara li kien miet missieru għaliex darba waħda kienet marret oħtu fuq il-post tax-xogħol tiegħu biex jiffirmala minħabba xi xehem li kien ħallielha missieru. Huwa ma riedx peress li kien fuq il-post tax-xogħol u imbagħad kien mar għalih ħuh ir-rikorrent irrabjat. Peress illi ma xtaqx jikxef għawwaru man-nies tax-xogħol huwa kien iffirma kif talbuh biex jagħmel u imbagħad wara skopra li hu ma kien missu xejn mid-deheb ta' missieru. Kien għalhekk li huwa irrifjuta li jiffirma għar-rilaxx tal-flus u qabbad avukat u dan għaliex ma xtaqx jerġa jingidem. Huwa xtaq ikun jaf x'ġara u ma ġarax mis-sehem t'ommu. Stqarr illi huwa qatt ħadd ma kien bagħat għalih sabiex imur għand xi nutar iżda kien rċieva mill-bank sabiex imur jiffirma. Finalment stqarr illi huwa ma kienx qed jopponi li jinħarġu l-flus iżda jrid jkun jaf il-verità kollha.

19. Fl-affidavit tiegħu[25] l-intimat spjega illi huwa minn dejjem kien lest li jikkoopera u li minn dejjem ried li jaslu bil-kwiet. Kienu ħutu li bdew jippikaw miegħu u li ma riedx jaqbad u jiffirma meta ma kienx jaf għal xiex ser jiffirma.

20. In kontroeżami[26] l-intimat irripeta xi ftit jew wisq dak li kien diġà ddikjara fix-xhieda tiegħu.

21. Fix-xhieda tagħha tat-3 ta' Novembru 2021, **<u>Nathalie Micallef</u>**[27], in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc ikkonfermat l-eżistenti tal-kont numru 040066367100 miftuħ f'isem il-partijiet bħala l-eredi tad-defunt Alfred Calleja. F'dan il-kont hemm depożitat ammont ta' € 5,509.50. Il-kont kien infetaħ apposta wara l-mewt ta' Alfred Calleja sabiex martu bħala l-użufruttwarja tibda titħallas l-imgħax fuq il-kapital. Ma kien hemm l-ebda movimenti ossia ċaqliq ta' flus f'dan il-kont matul is-snin. Ikkonfermat illi biex jiġu rilaxxjati l-flejjes appartjenenti lill-eredi l-bank jkollu bżonn li (i) timtela dikjarazzjoni minn nutar *inter alia* dwar l-eredita', dwar il-werrieta u dwar kif jistgħu jinqasmu l-flejjes bejniethom, (ii) l-eredi kollha jmorru l-bank, jippreżentaw il-karta tal-identita' tagħhom flimkien mad-dikjarazzjoni tan-nutar u jiffirmaw għar-rilaxx tal-flejjes.

**Kunsiderazzjoni**

22. Il-Qorti tqis illi t-talbiet rispettivi tal-partijiet f'din il-kawża (ossia t-talbiet tar-rikorrenti u l-kontrotalbiet tal-intimat) huma kważi identiċi għal xulxin, bir-rikorrenti jixħtu t-tort fuq l-intimat għall-fatt li dan ma ffirmax għar-rilaxx tal-flus u

[25] Fol 60-61
[26] Fol 58A-58B
[27] Fol 44A-H

vice-versa. Il-partijiet kollha qed jaqblu dwar dak li qed jitolbu fl-ewwel talba tagħhom ossia' dik illi huma l-werrieta ta' Alfred Calleja skond it-testment esebit mar-rikors promotur. Qed jaqblu ukoll fir-rigward tat-tieni talba u ċioe illi l-Qorti għandha tordna r-rilaxx tal-flejjes riżultanti mill-kont bankarju in kwistjoni. Ir-rikorrenti jitolbu li din l-ordni ssir b'mod li r-rilaxx jista' jsir anke mingħajr il-kunsens ulterjuri tal-intimat, filwaqt l-intimat jitlob li r-rilaxx ikun jista' ssir mingħajr il-kunsens ulterjuri tar-rikorrenti. Fit-tielet u l-aħħar talba tagħhom ir-rikorrenti qed jitolbu li l-Qorti tikkundanna lill-intimat iħallashom l-imgħax legali għal dak is-sehem li huma ma setgħux igawdu minħabba n-nuqqas ta' qbil min-naħa tal-intimat mid-29 ta' Jannar 2018 (sic![28]) sal-pagament effettiv. Fit-tielet u l-aħħar kontrotalba tiegħu l-intimat jitlob li l-Qorti tikkundanna lir-rikorrenti iħallsuh l-imgħax legali għal dak is-sehem li huwa ma setax igawdi minħabba l-intransiġenza tagħhom mid-data tal-ittra legali tad-29 ta' Jannar 2018 (sic![29]).

23. Il-Qorti tistqarr illi tinsab perplessa kif minkejja li l-partijiet qegħdin jitolbu l-istess ħaġa minn xulxin huma m'għarfux jinsew ftit id-differenzi ta' bejniethom, jieħdu pass lura u jippruvaw jilħqu transazzjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proċeduri iktar u iktar meta kollha kemm huma kienu jiggwadanjaw b'tali ftehim u meta kollha kemm huma tilfu u għandhom x'jitilfu iżjed ma ikun hemm dewmien fir-rilaxx tal-flus appartjenenti lilhom. Il-Qorti saħansitra tat ċans lill-partijiet sabiex jaslu għal transazzjoni iżda xejn ma sewa dan għaliex ħadd ma ċeda pulzier. Il-veru każ ta' *taqta' imniehrek biex tinki lil wiċċek* !

24. Ċio nonostante il-Qorti ftit tista' tqis bħala validi l-argumenti tal-intimat li inizjalment huwa ma riedx jiffirma għaliex ħassu li kien ser jerġa jingidem (wara li ma kien messu xejn mid-deheb ta' missieru) u li iktar tard naqas milli jagħmel hekk għaliex ried ċertu informazzjoni mingħand ħutu dwar l-assi tal-eredita' qabel ma jiffirma. Ibda biex it-testment – li kopja tiegħu setgħet faċilment tiġi akkwistata mill-intimat permezz tar-riċerki – huwa ċar f'dak li għandu x'jaqsam il-ġid tal-ġenituri tal-partijiet. Filwaqt li d-deheb tal-missier kellu jirtu r-rikorrent u tal-omm kellha tirtu r-rikorrenti, bħala pre-legati, il-bqija tal-assi tal-eredita' kellhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-werrieta u ċioe il-partijiet f'din il-kawża. Daqstant ieħor seta' l-intimat, bħala werriet, jikseb l-informazzjoni kollha li kien hemm bżonn dwar il-flejjes li seta' kellhom missieru u ommu f'kontijiet bankarji u dan għal darb' oħra billi isiru r-riċerki appożiti. Rigward id-deheb li setgħu wirtu jew ma wirtux ir-rikorrenti ma jidhirx li l-intimat qatt allega illi bil-pre-legati in kwistjoni kien sejjer isofri preġudizzju in kwantu għandha x'taqsam il-porzjoni riservata tiegħu.

[28] L-ittra uffiċjali filfatt intbagħtet fl-24 ta' Jannar 2018 u mhux fid-29 ta' Jannar 2018
[29] L-ittra intbagħtet fl-24 ta' Jannar 2018 u kienet ittra uffiċjali u mhux ittra legali

25. Mill-banda l-oħra, l-Qorti tqis li r-rikorrenti setgħu, jekk xejn sabiex jiżblukkaw is-sitwazzjoni, jagħtu dak li setgħu jagħtu bħala informazzjoni lil ħuhom anke jekk legalment ma kellhom l-ebda obbligu jagħmlu dan. Ċertament m'għamlux dak kollu li setgħu jagħmlu sabiex jimminimizzaw id-danni li setgħu kienu qed isofru.

26. Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tħoss illi l-partijiet kollha kellhom biċċa tort għad-dewmien sabiex jiġu rilaxxjati l-flus għalkemm bla ebda dubbju jaħti iżjed l-intimat peress illi ma kellu l-ebda ġustifikazzjoni legali illi jżomm lura milli jagħti l-kunsens tiegħu **<u>meta kien jaf illi mingħajr tali kunsens il-flejjes kienu ser jibqgħu ffriżati fil-kont tal-bank</u>**. Dan sejjer jiġi rifless fil-kap tal-ispejjeż.

**Deċiżjoni**

27. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi:**

- **tilqa' l-ewwel talba u kontrotalba tal-partijiet u b'hekk tiddikjara illi l-partijiet huma lkoll eredi tal-mejjet Alfred Calleja skond it-testment *unica charta* tat-18 ta' Diċembru 2021 fl-atti tan-Nutar Charles Mangion,**

- **tilqa' t-tieni talba u kontrotalba tal-partijiet limitatament billi tordna lill-partijiet kollha sabiex sa mhux aktar tard minn erbgħin (40) ġurnata mid-data ta' din is-sentenza jersqu sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti imposti mill-HSBC Bank Malta plc sabiex il-flejjes miżmuma fil-kont numru 040066367100 miftuħ f'isem il-partijiet bħala l-eredi tad-defunt Alfred Calleja jiġu rilaxxjati u jinqasmu bejniethom ugwalment,**

- **tiċħad kemm it-tielet tajba tar-rikorrenti u kemm it-tielet kontrotalba tal-intimat.**

**Fir-rigward tal-ispejjeż il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ta' din il-kawża u tal-ittra uffiċjali ppreżentata mir-rikorrenti kontra l-intimat fl-24 ta' Jannar 2018 għandhom jiġu ssopportati mill-istess intimat.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur